MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2006

Numru. 480/2004

**Il-Pulizija**
**(Sp. Nezren Grixti)**

**vs**

**Masoud Albuweisir ta‘ 35 sena,**
**bin Abdul u Lil nee Mudebel,**
**imwieled Libja fil-21/12/1968,**
**numru tal-passaport 22138 mahrug**
**gewwa Tripoli fil-21/05/2002,**
**nazzjonalita‘ Libjana.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Masoud A. Albuweisir li gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer fis-16 ta' Gunju, 2004:

(a) assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-gzejjer jew barra minn dawn il-gzejjer, sabeix ibiegh jew jittraffika medicina f'dawn il-gzejjer kontra d-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi jew ippromoviet, ikkostitwiet, organizzat, jew iffinanzjat din l-assocjazzjoni, u dan bi ksur tal-artikolu 22(1)(f) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta,
(b) Importa jew gieghel li tigi importata jew ghamel xihaga sabiex tigi importata medicina perikoluza (raza tal-kannabis) f'Malta, hlief skond id-dizpozizzjoni tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-espertim skond l-artiklu 533 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat li l-akkuzat wiegeb li ma kienx hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat il-kontro ordni ta' l-Avukat Generali a fol 262.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat

Fl-ewwel lok ghandu jigi premess illi fis-seduta tat-2 ta' Lulju, 2004 l-Avukat Difensur talab lil din il-Qorti illi l-proceduri, nonostante li l-akkuzat gie notifikat bil-lingwa Ngliza, jinstemghu bil-lingwa Maltija. Milqugha l-istess talba l-Ufficjal Prosekutur ghalhekk esebixxa kopja ta' l-

akkuza bil-lingwa Maltija ta‘ liema kopja l-akkuzat ta ruhu b‘notifikat u rega‘ sarlu d-debitu nterrogatorju. Jigi puntwalizzat ukoll li a vantagg ta‘ l-akkuzat gie wkoll ordnat mill-Qorti li t-terminu tal-Kumpilazzjoni kellu pero‘ jiddekorri mid-data tal-prezentata tieghu.

Il-fatti ta‘ din il-kawza fil-qosor huma s-segwenti:

Illi appena l-akkuzat wasal Malta fuq l-istess tijira li fuqha kien hemm Saad, huwa u dan l-Gharbi l-iehor gew imwaqqfa fl-ajruport ta‘ Hal Luqa. Fuq il-persuna ta‘ Saad instabet droga ppakkjata b‘tape (raza tal-cannabis), instabet ukoll raza fil-karkur ta‘ l-istess Saad H. M. Eabaied. Min-naha l-ohra fuq il-persuna ta‘ l-akkuzat instab tape (roll tape iswed) li allegatament gie uzat biex id-droga li nstabet fuq il-persuna ta‘ Saad tigi ppakkjata.

Dawn iz-zewg persuni gew mehuda t-tnejn id-Depot u eventwalment imressqa quddiem din il-Qorti, separatament.

Issa dan il-gudizzju huwa biss fil-konfront ta‘ Alubuweisir ghalkemm jinghad a priori li Saad kellu rwol pivitali fl-andament ta‘ din il-kawza.

Infatti dana Saad kien irrilaxxa stqarrija lill-Ufficjal Prosekutur li eventwalment giet guramentata quddiem il-Magistrat Inkwirenti (esebita gia fl-atti ta‘ din il-kawza). Fl-istess stqarrija huwa kkonferma s-sejbiet tad-droga misjuba fuqu pero‘ imputaha lill-imputat, fis-sens li kien qed igorr dawn il-pakketti ghax talbu Albuweisir. Ta dettalji ohrajn li l-Qorti se telenka fi stadju ulterjuri.

L-istess Saad ingab jixhed viva voce u quddiem din il-Qorti pero‘ ghazel li jibdel il-verzjoni tant li f‘dan l-istadju ghazel li jelimina ghal kollox lill-akkuzat minn kwalunkwe responsabilita‘ tar-reat in dizamina.

Kif inhu l-obbligu tal-Prosekuzzjoni ingabu diversi provi biex jigu sodisfatti l-akkuzi sal-grad li trid il-ligi. Dwan kontrobattuti sal-grad tal-probabbli mill-provi mressqa mid-Difiza.

Thoss il-Qorti li ghalhekk ikun opportun li jsir ezami dettaljat ta‘ dawn il-provi biex jigi determinat dak li gie pruvat.

Kif gia inghad ix-xhieda ta‘ Saad kienet pivitali kemm fi stadju ta‘ investigazzjoni kif ukoll ghal andament ta‘ din il-kawza.

Fl-istqarrija tieghu guramentata Saad jghid li huwa veru li mill-qalziet tieghu waqghu bicciet ta‘ kannabis imdawra bit-tape, dawn pero‘ kien ircevihom minghand persuna "… fuq l-ajruplan fejn kien qalli biex jiena nzomm dawn il-flus ghax ma kellux ircevuta ghalihom." ( a fol 3)

Dwar id-droga gol-karkur jghid:

„Kien nhar f‘16/06/04 cioe l-Erbgha li jiena kont ilbist hwejjeg li kien xtara Masoud qabel minn Benghazi u wara li jien kont ilbist dawn il-hwejjeg kien Masoud li kien qalli biex nilbes dan il-karkur ghax kien isbah minn li kelli jien. Fil-fatt niftakar li dan il-karkur hargu minn gewwa l-haversack. Fil-fatt jiena kelli zarbun imma mhux karkur ghax jiena tieghi kellu l-arqub imghawwed u kien qalli li l-karkur tieghu isbah. Fil-fatt jiena ghamilt hekk u tlaqna lejn l-ajruport.“ (Ibid)

Jghid ukoll li hu ma kienx jaf x‘kien fih il-karkur. Dwar il-blokok tar-raza jghid li dawn haseb li kienu flus.

Dwar il-bicciet tad-droga qal fl-istqarrija li sussegwentement igguramenta:

„Iva fil-fatt hekk kif konna ha ninzlu Malta kien Masoud li kien bil-qadha (qeghda) hdejja l-hin kollu li tani dawn il-bicciet imdawra bit-tape u kien qalli biex inzommhom ghax peress li jiena kont gej l-ewwel darba f‘Malta ma kinux ha jfittxuli Masoud kien qalli li dawn fihom flus cioe Dollari. Kien ftit qabel li Masoud kien tani xi 225 dollar biex jiena nzommhom fuqi biex inkun nista‘ nidhol Malta peress li jiena ma kellix flus. Fil-fatt dawn il-flus jiena kont sejjer nuzahom biex immur hotel. Masoud kien qalli li kien

sejjer ghand xi tfajla Maltija pero‘ ma nafx min hija“. ( a fol 3).

Dwar ir-raguni ghala hu gie Malta ma‘ Masoud jghid li kien se jghinu jaghmel video/CD.

Jghid ukoll illi darba li kien ghadhom il-Libja, kien Masoud li kien irranga biex igib il-Visa ghat-tnejn li huma. Kienu anke marru flimkien marru gewwa Tripoli hemm biex jaghmlu l-Visa kif ukoll biex jixtru t-tickets.

Saad rega‘ xehed din id-darba viva voce quddiem din il-Qorti.

Hawn Saad xehed li dak li hu qal fl-istqarrija guramentata kien li wahhal f‘Masoud ghax kien qed jibza‘ meta nqabad l-ajruport. Zied li hu ma kellu ebda ftehim ma‘ Masoud jew ahjar ma‘ kien qed igorr xejn ghall-akkuzat. Jghid anzi a fol 113:

„Il-verita‘ kien li ahna konna fil-kumpanija ta‘ xulxin mill-airport ta‘ Benghazi sa Tripoli li konna fil-kumpanija ta‘ xulxin fl-ambaxxata Maltija. Sakemm dhalna fl-ufficju tal-AirMalta u konna fuq l-ajruplan. Dak biss…“

Tant illi msejjah aktar tard biex jerga‘ jiddeponi, Saad zied li hu kien anke fetah qalbu ma‘ habsin ohra u anke mal-qassis Musulman dwar il-fatt li hu kien gideb fuq l-akkuzat.

In kwantu hekk id-difiza tellghet in sostenn ta‘ dak li xehed Saad, dwar il-fatt li biddel il-verzjoni teighu, lil certu Joseph Aquilina u Abdul La Musa.

Joseph Aqulina li jinsab ukoll gewwa l-habs inmate, ghal xi zmien fl-istess division ma‘ Saad, xehed illi Saad lilu kien qallu storja li hu kien qed ihossu guilty u ma setghax isib paci ghax inqabad bil-haxixa u wahhal f‘haddiehor. Aquilina xehed ukoll illi hu dana kollu sar jafu ghaliex Saad kien talbu jcempillu lil Dr Giglio minhabba li kien inqabad bil-haxixa. Fil-fatt skond Aquilina kien qabel din it-telefonata li Saad kien fetah qalbu mieghu.

F'dan il-kuntest xehed ukoll Abdel La Musa, inmate iehor. Dan fil-facilita' Korrettiva ta' Kordin ghandu funzjoni ta' Iman, imma mhux f'kapacita' ufficjali. Spjega fil-fatt li hu jiehu hsieb it-talb tal-Musulmani inmates ohra. Jgid dana Musa li hu sar jaf lil Saad darba li dan dahal il-habs ghax dana beda jinghaqad fit-talb Musulman maghhom. Kien dan Saad li lilu qallu li kellu sigriet u cioe li d-droga li nstabet fuqu ma kinitx ta' Masoud kif kien qal imma tieghu. Stqarr ma' Musa li hu ghamel hekk cioe wahhal f'haddiehor ghax kien gie maqbud mill-pulizija u bezgha.

Xehdu wkoll l-esperti nominati.

L-Ispizjar Mario Mifsud ikkonkluda li s-sustanza misjuba fuq u ghand Saad kienet cannabis. Ikkonkluda wkoll illi ma kienx hemm ‚mechanical fit' bejn it-tape li biha kienet imkebba l-cannabis u t-tape li nstab fil-pussess ta' l-akkuzat cioe r-roll ta' tape (Dok MM fol 73-74) u t-tape li bih kien imdawwar il-‚musical organ'.

L-espert Bajada mitlub jaghmel analizi komparattiva bejn it-tape li fiha kienet imgezwra d-droga u r-roll tat-tape misjub ghand l-akkuzat, kif ukoll it-tape uzat biex jigi ppakkjat l-electrical organ li wkoll gie elevat minghand l-akkuzat, ikkonkluda illi hu ma setghax jaghmel dan l-ezami komparattiv mat-tape li bih suppost kien maghluq l-electrical organ, mizmum gewwa CCF, ghax dan it-tape kien gie mormi.

Min-naha l-ohra gie ezaminat ir-roll tat-tape u t-tape uzat biex tigi ppakkjata d-droga. Skond l-espert l-unika „comparable characteristics are the tape's elasticity and the tape's size" (a fol 198).

Dan l-espert anke ssuggerixxa fir-relazzjoni tieghu illi kellu jittiehed Saliva test jew DNA test stante li kien hemm possibilita' li t-tape setgha nqata' bi snien.

Ghalhekk gie mahtur sjerologista li kkonkluda li minhabba d-diversi ezamijiet li saru fuq l-istess tape ghas-sejbien ta' fingerprints, ma setghux jinstabu fuq dan it-tape xi tip ta'

salivary deposits, ghalhekk ebda DNA test ma kien possibbli.

Xehed ukoll Alfonse Cauchi, head security ta‘ l-Air Malta. B‘referenza ghad-dokument Dok MJ3 u dawk esebiti a fol 119, 166 u 167, hu ta s-segwenti nformazzjoni. Xehed illi l-akkuzat u Saad kienu xtraw il-biljetti flimkien minn Tripoli, liema biljetti thallsu cash. Xehed ukoll li bejniethom kellhom zewg bagalji, u li qaghdu bil-qeghda fuq l-ajruplan hdejn xulxin.

L-Ispettur Nadia Lanzon assistiet bhala interpretu kemm l-akkuzat waqt it-tehid ta‘ l-istqarrija tieghu, kif ukoll lill-persuna ta‘ Saad kemm fi stadju ta‘ interrogatorju kif ukoll meta hu gguramenta l-istqarrija quddiem il-Magistrat Inkwirenti. Kienet ukoll prezenti meta fid-Depot tal-Pulizija sar konfront bejn Masoud u Saad.

Ghalhekk din l-Ispettur ingabet tixhed u qalet illi fis-17 ta‘ Gunju, 2004 hi kienet assistiet lill-Ufficjal Prosekutur dwar xi investigazzjonijiet li hu kien qed jaghmel koncernanti zewg persuni ta‘ nazzjonalita‘ Libjana, li wiehed minnhom hi gharfet bhala l-akkuzat. Hi tghid li ma nfurmatx lil dawn iz-zewg Libjani li hi kienet tifhem bil-lingwa Gharbija/Libjana. Ghalhekk semghet lil Saad (allura l-persuna l-ohra nvestigata) jghid lill-Ispettur Grixti li d-droga misjuba kien tahielu Masoud waqt li kienu fil-Libja. Tant li tghid li hin minnhom huma (il-Libjani nvestigati) bdew jitkellmu bejniethom u Saad dar fuq Masoud u qallu dan il-kliem biex lill-pulizija jghidilhom il-verita‘ u cioe li kien hu, Masoud, li kien tah id-droga.

Giet esebita mill-istess Spettur Lanzon pagna tad-diary taghha, li fuqha wara l-konverzazzjoni li ghaliha assistiet bejn Saad u Masoud, nizzlet dak li hi ftakret li kien il-gist tad-diskors ta‘ bejniethom (Dok NL a fol 165).

Fid-dokument hemm imnizzel hekk:
„Beda jghidlu biex lill-pulizija jghidilhom il-verita‘ li hu kien jaf li hu ma kellux x‘jaqsam u li l-affarijiet ma kinux tieghu.

L-iehor wiegbu bl-Gharbi biex ma jinkwetax u biex jghid li l-affarijiet kienu tieghu u li issa kien se jqabbadlu avukat tajjeb.“

Nizzlet ukoll l-Ispettur Lanzon illi filwaqt li Masoud beda jsostni li lil Saad ma jafux, li kif beda jkellmu bl-Gharbi cioe bil-Libjan, dehrilha li kien ovvja li jafu.

Bhala provi in difesa xehed anke l-Avukat Difensur, debitament ezentat mill-patrocinat tieghu l-akkuzat.

Ghalhekk Dr Giglio esebixxa dokument (a fol 301) li kif tradott u awtentikat mill-Konsolat ta‘ Malta fi Tripoli, juri li fil-gurnata tal-15 ta‘ Gunju, 2004, il-persuna ta‘ Saad Hamad Milad sarrfet bil-bank Jamahiriya Bank Head Office, Tripoli, Libja flus ghall-ekwivalenti ta‘ erba‘ mitt dollaru.

Ingab jixhed Dr Joseph Tonna, tabib tal-habs, CCF li qal li bhal kull habsi iehor, meta l-persuna ta‘ Saad bin-numru tal-passaport 29627, iddahhlet il-habs, sarulu testijiet tossikologici u hu rrizulta posittiv ghal cannabis.

Rega‘ fil-fatt f‘dan ir-rigward xehed mill-gdid Saad, ovvjament mitlub mid-Difiza.

Ikkonferma d-data tat-twelid tieghu, Novembru 1968. Ikkonferma wkoll illi qabel ma telaq mil-Libja huwa sarraf is-somma ta‘ 400 dollaru u dan skond it-tranzazzjoni gia esebita (minn Dr Giglio) dok JG. Saad f‘seduta aktar tard, ikkonferma illi n-numru ta‘ l-identita‘ tieghu huwa 128562 (Dan in-number gie kkonfermat minn Aaron Haroumi li ttraduca ghall-Qorti l-anness mad-dokument JG miktub bl-Gharbi). Tramite s-Sur Haroumi, l-interpretu, gie anke kkonfermat illi missier Saad jismu Hamed u nannuh Milad, mentri isem il-familja huwa El Abid. Giet anke kkonfermata d-date of issue ta‘ l-istess identity card cioe 8 ta‘ Lulju, 1998. Ghalhekk kif ikkonkluda Dr Giglio l-particulars li jidhru fuq id-dokument JG jaqblu ma‘ dawk li jidhru fuq il-karta ta‘ l-identita‘ ta‘ Saad.

Xehed ukoll l-akkuzat innifsu minn jeddu. Jigi rilevat ukoll li huwa kien anke rrilaxxa stqarrija lill-Ufficjal Prosekutur gia esebita a fol 7 tal-process.

Fl-istqarrija Masoud jghid li ghalih din kienet ir-raba‘ darba fi tliet snin li gie Malta u l-iskop kien li jirrikordja CD ma‘ recording Studio b‘isem Waves li jinsab il-Furjana.

Ikkonferma li fil-luggage tieghu instab tape iswed u li dan kien juzah biex bih jaghmel body painting Henna. Ikkonferma li hu kellu zewg luggages u music keyboard u li r-raguni ghala ma kellu ebda luggage identification kien il-ghaliex hu ghen Libjan iehor gewwa l-ajruport u jahseb li bi zball l-identifikazzjoni tal-luggage tqeghdet ma‘ tieghu.

Mistoqsi jekk ftit minuti qabel hu quddiem Spettur mara qalx lil Libjan iehor Saad „… that it is better to him to admit that the stuff found by the police belongs to him and you will pay for him a good lawyer“, wiegeb li kull ma qalu „No. I did not , I only told him do not be afraid because there is the lawyer who could help, do not try to blame me instead“ ( a fol 7).

Innega li Saad kien habib tieghu. Innega li hu juza d-droga. Innega li hu ta xi flus lil Saad.

Viva voce Masoud ikkonferma li hu kien kompetenti fl-arti tal-Henna u kien ghalhekk li hu kien qed igorr mieghu l-oggetti esebiti minn PC 1278 Paul Zammit cioe Dok PZ a fol 321, 322.

Dawn l-oggetti kienu nstabu fil-bagalja tieghu.

Spjega wkoll li kien biex jaghmel din il-body painting, cioe l-henna li hu kellu bzonn it-tape l-iswed ukoll misjub ghandu. Xehed li hu kien gie Malta biex jirrekordja. Qal ukoll li sahansitra kien anke kanta hawn Malta gewwa BJ f‘Paceville u gewwa Pub Memories. Fil-fatt kien anke rrekordja CD go l-istudjo Waves hawn Malta. Masoud precedentement kien fil-fatt qal li hu kien f‘pajjizu kantant u muzicist (CD esebita bhala Dok MA1).

Tkellem ukoll dwar il-fatt li hu kellu jitlaq minn Malta ghaliex skadietlu l-visa pero‘ rega‘ gie lura biex jerga‘ jirrekordja. Esebixxa in sostenn ta‘ dan id-dokument Dok MH2, cassettes kontenenti diski li hu ried jirrekordja.

Mistoqsi dwar il-konfuzjoni tal-luggage identification, spjega li hu kien iltaqa‘ ma Saad go l-ajruport ta‘ Benghazi, qal li ma kienx jafu qabel mentri jidher li Saad kien jafu minhabba li kien muzicista ta‘ certu fama f‘pajjizu. Saad anke ntroduca lilu nnifsu bhala girien ta‘ oht Masoud. Ghalhekk fuq l-ajruplan lejn Tripoli qaghdu bil-qeghda hdjen xulxin. Kien hawn li Saad stqarr mieghu li hu kien sejjer Malta biex ifittex xoghol. Stante li t-tnejn kellhom bzonn il-visa biex jigu Malta, marru flimkien l-ambaxxata, u l-akkuzat mela kemm il-formola tieghu kif ukoll ta‘ Saad ghax dan la kien jaf bil-Malti u lanqas bl-Ingliz.

Enfasizza li r-relazzjoni ma‘ Saad bdiet gewwa l-Ambaxxata ghax ghenu. Jghid li hu talab l-ghajnuna lill-konslu biex jitghaggel il-process tal-hrug tal-Visa ghalih biss u ma ghamel ebda referenza ghal Saad. Pero‘ spiccaw min-naha ta‘ l-Ambaxxata tawhom kemm il-passaport kif ukoll il-Visa flimkien. Darba li l-Visa kienet lesta, Masoud mar jibbukkja flight li kienet tielqa lejn Malta l-istess gurnata. Dwar hekk gie segwit minn Saad. Jghid ukoll li wara li bbukkjaw kulhadd mar ghal rasu. Spjega anke kif spicca minghajr l-identification tags tal-luggage ghaliex darba li beda l-queue ghac-check in Saad rega‘ talbu biex jghinu.

Rega‘ nnega li hu qatt ta flus lil Saad, u li hallaslu ghat-titjira u ghat- taxi.

In kontroezami spjega li hu kien gie hawn Malta biss bis-somma ta‘ Lm 80 ghaliex hu mil-Libja kien jibghat flus fil-kont ta‘ Shirley it-tfajla tieghu Maltija. Spjega wkoll li ohtu ghax ghenha kienet anke ddepozitatlu u/jew se tiddepozitalu flus gol-kont ta‘ Shirley. In sostenn ta‘ dan gew anke esebiti Dok MH5 li huma flus li Masoud kien qed jigbed mill-kont imsemmi. Dan il-kont skond Masoud qieghed mal-BOV Sliema branch. Spjega ghalhekk li

dawn Lm 80 ghalih kien biss pocket money. Fakkar ukoll li hu kien bi hsiebu jmur jghix mat-tfajla tieghu u mhux jibqa‘ fil-lukanda. Wera wkoll li hu kellu access ta‘ certu ammont ta‘ flus billi esebixxa receipts ta‘ flus li kien jircevi gewwa CCF.

Insista in kontro ezami li hu lil Saad ghajr meta ltaqa‘ mieghu Benghazi ma kienx jafu qabel.

In sostenn tal-fatt li Masoud gie hawn Malta biex jirrikordja CD ttella‘ jixhed Manolito Galea. Dan xehed dwar il-fatt li hu kien jiggestixxi recording studio bl-isem Wave. Illi ghall-habta ta‘ Mejju 2004 Masoud kien mar ghandu u bi hlas kien irrekordja diska wahda. Ikkonferma dan Galea, li Masoud kien qallu li kellu jitlaq f‘Mejju ghax skadietlu l-Visa u anke li l-istess Masoud kellu hsieb jerga‘ jigi lura lejn Malta anke in konnessjoni ma‘ diski futuri pero‘ Masoud ma kienx iffissa appuntament ghal dan l-iskop ma‘ Manolito Galea. Ikkonferma Galea pero‘ li Masoud „Qalli speci jekk nerga‘ nigi lura nixtieq naghmel album hawn Malta ghax ghandek studio sabih u attrezzat sabih …“ ( a fol 316).

Ikkonsidrat

Tibda din il-Qorti biex fl-ewwel lok taghti ragun lill-abbli Avukat Difensur in kwantu ghal battibekk li nqala‘ bejnu u bejn l-Ufficjal Prosekutur fit-trattazzjoni. Dan il-punt qed jigi sollevat in kwantu din il-Qorti trid f‘dan l-istadju taghmel valutazzjoni tal-provi prodotti. Dan huwa l-punt kardinali, li l-Qorti taghti kaz biss meta tasal ghall-gudizzju, ghall-fatti rizultanti mill-atti processwali u xejn aktar, kwalunkwe nformazzjoni li l-Ufficjal Prosekutur kellu jew ottjena biex wasal biex issuspetta fl-akkuzat, jekk kien hekk il-kaz, trid biex tigi kkonsidrata tingab bhala prova, wahda ammissibli skond il-ligi.

Kif jirrizulta mill-atti processwali, il-Prosekuzzjoni strahet hafna fuq l-istqarrija guramentata ta‘ Saad. Issa hija t-tezi tal-Prosekuzzjoni, almenu kif xehdet l-Ispettur Lanzon illi l-andament ta‘ din l-investigazzjoni kien billi l-ewwel sar konfront bejn l-akkuzat u Saad. F‘dan il-konfront, u ta‘

dan l-Ispettur Lanzon esebiet in-notamenti taghha, Saad u l-akkuzat tkellmu bil-lingwa Libjana u ad insaputa taghhom kienet qed tifhimhom l-Ispettur Lanzon. Huwa ben risaput u zgur mhux kontradett li l-Ispettur Lanzon hija mghallma sew f'din il-lingwa. Minn dan il-konfront skond Lanzon irrizulta ghall-Pulizja li Masoud ried li Saad jghid li d-droga kienet fil-fatt ta' Saad. Anzi tghid l-Ispettur Lanzon li meta Saad induna li hi kienet qed tifhem il-lingwa Libjana, ha r-ruh. Wiehed hawn irid jiftakar li l-cannabis in kwistjoni nstabet fuq il-persuna ta' Saad. Minn dan il-konfront il-Pulizija ghaddiet biex hadet stqarrijiet (ovvja separati) ta' l-akkuzat u ta' Saad. Oltre hekk, Saad ghazel li jiggurament l-istqarrija tieghu quddiem il-Magistrat Inkwirenti. Anke fil-kaz ta' Saad, ghax kif sew qal l-istess akkuzat, allura hu Saad la jitkellem bil-lingwa Maltija u lanqas Ingliza, l-Ispettur Lanzon ghamilha ta' interpretu.

Din hi s-sekwenza proposta mill-Prosekuzzjoni. Pero' kif ben issolleva Dr Giglio din mhux is-sekwenza li tidher u tirrizulta mill-atti.

Irrizulta li fil-kors tat-tehid ta' l-istqarrija ta' l-akkuzat, li verament l-Ispettur Grixti jaghmel referenza ghal konfront li sar bejn l-akkuzat u Saad billi jghid hekk:

„A few minutes ago before another female inspector you tried to comfort another Libyan national …" (a fol 7)

Il-kliem enfasizzati mid-Difiza huma precizament „A few minutes ago…" Dan qed jinghad tenut kont tal-fatt li din l-istqarrija bdiet tittiehed fil-hin fuqha mnizzel '21.45hrs'.

Harsa issa lejn l-istqarrija ta' Saad wiehed jara li l-hin li bdiet tittiehed din l-istqarrija kien ta' 18.15 hrs u giet terminata fil-19.30 hrs.

Allura mill-komputazzjoni ta' dawn il-hinijiet il-konfront jekk sar "a few minutes ago" sar wara li Saad kien irrilaxxa u anke gguramenta l-istqarrija tieghu quddiem il-Magistrat Inkwirenti, dejjem bl-ghajnuna ta' l-Ispettur Lanzon. Allura hawn tistaqsi l-Qorti u tifhem il-perplessita' ta' l-

istess Avukat Difensur, ghala Saad kellu jiehu r-ruh meta nduna li Lanzon kienet qed tifhmu bil-lingwa Gharbija/Libjana, meta hu kien ben konsapevoli minn dan il-fatt u dan dejjem skond kif jidher mill-hinjiiet indikati fiz-zewg stqarrijiet.

Punt iehor li nkwieta wkoll li din il-Qroti, wkoll irrizulta mix-xhieda ta‘ l-Ispettur Lanzon. Tghid l-istess Spettur li hi giet mitluba tassiti bhala interpretu lill-Ispettur Grixti waqt l-investigazzjoni ta‘ Saad u l-akkuzat. Accediet fl-ufficju tieghu (l-Ispettur Grixti) u hemm bla ma wriet lil dawn l-investigati l-konoxxenza taghha tal-lingwa Libjana, qaghdet tisma‘ waqt li l-Ufficjal Prosekutur beda jistaqsihom dwar is-sejbien tad-droga. Pero‘ hawn hija l-perplessita tal-Qorti jekk Lanzon baqghet kwieta, Saad li kif irrizulta mill-atti la jaf bl-Ingliz jew bil-Malti biex u minn min gie mitkellem stante li l-interpretu baqghet siekta!!

Pero‘ l-istqarrija guramentata qeghda fl-atti u ttiehdet x‘hin ittiehdet hija salv provi kontrarji valida.

F‘dan ir-rigward taqbel il-Qorti mas-sottomissjonijiet li ghamel l-Ufficjal Prosekutur fil-konfront tal-piz probatorju li tgawdi stqarrija guramentata ai termini ta‘ l-artikolu 30A tal-Kap 101. Din l-istqarrija pero‘ giet kontradetta principalment (izda mhux biss) mill-istess persuna li rrilaxxata cioe Saad, kif gie premess meta xehed viva voce quddiem din il-Qorti.

Verament l-istqarrija guramentata taht il-Kap 101 tiskapula certu regoli naxxenti taht il-Kap 9. Verament ukoll tista‘ tigi kontradetta minn fatturi varji u spetta lill-Qorti Gudikanti li mill-assjem tal-provi taghtiha dak il-valur probatorju li jixirqilha. Ghalhekk il-Qorti se ticcita sentenza li ghaliha ghamel refernza l-Ufficjal Prosekutur fl-ismijiet Il-Pulizija vs Pierre Gravina, 26 ta‘ Mejju, 2003, Appell Kriminali 14/2003 fejn il-Qorti qalet fil-konfront ta‘ stqarrija guramentata hekk:

“S‘intendi, dan ma jfissirx li jekk ix-xhud, meta jigi ezaminat ibiddel jew jirritratta minn dak li jkun qal fid-dikjarazzjoni guramentat, allura dik id-dikjarazzjoni (jew il-

parti mibdula jew ritrattata) ma tkunx aktar tista‘ tittiehed bhala prova kontra l-akkuzat, il-gudikant jista‘ xorta wahda, wara li jkun sema‘ x-xhud, jasal ghall-konkluzjoni li l-verita‘ hija dik kontenuta fl-istqarrija guramentata u mhux dak li jkun iddepona fil-Qorti x-xhud. Ifisser biss li, bhala regola, min ikun ghamel tali stqarrija guramentata ghandu jingab il-Qorti ghall-fini ta‘ kontroll da parti ta‘ l-akkuzat jew l-imptuat“.

Mela ghalkemm il-principju li fuqu tikkoncentra s-sentenza citata huwa d-dritt ta‘ l-akkuzat li jaghmel l-ezami tax-xhud li rrilaxxa stqarrija guramentata, hemm stabbilit ukoll id-diskrezzjoni tal-gudikant jekk tali stqarrija tigi rtirata jew mibdula in parte. Ghalhekk jekk Qorti tista‘ nonostante l-bdil temmen dak dikjarat fl-istqarrija guramentata, a contrario senso tista‘ anke tiskarta l-istess stqarrija dato che hemm provi bizzejjed li jikkorroboraw dak li ntqal viva voce u/jew iwaqqghu dak li ntqal fl-istqarrija.

Saad migjub jixhed viva voce wera d-dispjacir tieghu talli gideb fuq Masoud. Dan id-dispjacir gie kkoroborat mix-xhud Joseph Aquilina u certu Musa.

Gie ben sostanzjat li Saad kellu certu ammont ta‘ flus fuqu (vide dok JG) allura ghala tistaqsi din il-Qorti kellu jircevi kif qal fl-istqarrija somma flus minghand Masoud biex ihallas il-lukanda.

Punt iehor li jxejjen il-kredibilita‘ ta‘ Saad huwa l-fatt li darba li ddahhal il-habs huwa nstab pozittiv ghall-cannabis, mentri fl-istqarrija jixhed li kien ilu ma jmiss din id-droga mis-sena 2002.

Ried ukoll Saad fl-istqarrija tieghu li jitwemmen meta qal li l-cannabis (blokok) lilu moghtija allegatament minn Masoud hasibhom flus. Dan qed jinghad considerando l-piz ta‘ l-istess droga skond l-Ispizjar Mario Mifsud ta‘ 299.311 grammi (vide relazzjoni Dok MM) u certament tal-konsistenza taghhom ferm differenti minn dik ta‘ mazz flus. Frankament anke harsa lejn dawn il-blokok juri inekwivokalment li dawn ma kinux flus ippakkjati (vide

ritratti annessi mar-relazzjoni ta‘ PS 171 Karl Glenville Dok KG ritratt gia mmarkat 04 BPZ 102 a fol 99).

Min-naha l-ohra mankanti kwalunkwe prova ta‘ ‘mechanical fit‘ tat-tape misjub xejn ma hu ta‘ barra minn hawn li t-tape li nstab ghand l-imputat u dak li bih kienet imgezwra d-droga huma ta‘ l-istess daqs. Fuq bazi tal-probabbli biss Masoud ta‘ spjegazzjoni ghala hu kellu dak it-tape mieghu meta tkellem fuq l-arti tal-henna.

Tqis ukoll il-Qorti li l-akkuzat ta raguni valida u anke probabbli ghaz-zjara tieghu hawn Malta, anke in parte kif premess korroborata mix-xhieda ta‘ Manolito Galea.

Daqstant iehor hija probabbli l-ispjegazzjoni li ta Masoud dwar kif hu sar jaf li Saad mill-ajruport ta‘ Benghazi u l-ghajnuna sussegwenti li tah. Fil-fatt f‘dan ir-rigward Masoud innega biss li kienu hbieb jew li bejniethom kellhom relazzjoni aktar profonda minn dak li spjega hu.

Illi kif ampjament premess stqarrija guramentata ai termini ta‘ l-artikolu 30A Kap 101 tgawdi certu piz probatorju pero‘ certament mhux assolut. Tqis il-Qorti li f‘dan il-kaz apparti ghall-bdil radikali tal-verzjoni min-naha Saad, hemm cirkostanzi korrobotorji li jsahhu aktar it-tieni verzjoni moghtija minn dik li Saad qal quddiem il-Magistrat Inkwirenti.

Ma tistax ukoll il-Qorti fil-konsiderazzjoni taghha fil-kaz in dizamina ma tikkonsidrax ukoll il-fatt li Saad bl-ewwel stqarrija setgha jibbenefika minn tnaqqas ta‘ htija, beneficcju li tilef kif irritratta dik ix-xhieda tieghu. Fil-fatt mill-atti processwali tfittex kemm tfittex, minn imkien ma tirrizulta xi raguni ghala Saad ghandu jiskolpa lill-akkuzat u jerfa‘ hu l-piz totali ta‘ l-importazzjoni tal-kannabis misjuba considerando l-piena f‘kaz ta‘ htija marbuta ma‘ dan ir-reat.

Ghaldaqstant tenut dana kollu premess din il-Qorti tqis li hemm ragunijiet bizzejjed biex jinholoq dubju a favur l-akkuzat u qeghda ghaldaqstant tilliberah mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------